

## II

(Atti mhux leġiżlattivi)

## REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/268

tal-14 ta' Frar 2017

dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti prodotti fin-Nomenklatura Magħquda

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 57(4) u l-Artikolu 58(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Biex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tan-Nomenklatura Magħquda annessa mar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 <sup>(2)</sup>, huwa meħtieġ li jiġu adottati miżuri li jikkonċernaw il-klassifikazzjoni tal-prodotti msemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament.
- (2) Ir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 stabbilixxa r-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda. Dawk ir-regoli japplikaw ukoll għal kull nomenklatura oħra li hija bbażata, parzjalment jew kollha kemm hi, fuqha, jew li żżid xi subdiviżjoni addizzjonali magħha u li hija stabbilita b'dispożizzjonijiet speċifiċi tal-Unjoni, bl-għan li jiġu applikati tariffi u miżuri oħra relatati mal-kummerċ tal-prodotti.
- (3) Skont dawn ir-regoli ġenerali, il-prodotti deskritti fil-kolonna (1) tat-tabella mogħtija fl-Anness għandhom jiġu kklassifikati taħt il-kodiċi tan-NM indikat fil-kolonna (2) minħabba r-raġunijiet stabbiliti fil-kolonna (3) ta' dik it-tabella.
- (4) Huwa xieraq li jiġi previst li l-informazzjoni tariffarja vinkolanti maħruġa fir-rigward tal-prodotti kkonċernati minn dan ir-Regolament u li ma tikkonformax ma' dan ir-Regolament tkun tista' tibqa' tiġi invokata mid-detentur, għal ċertu perjodu, skont l-Artikolu 34(9) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013. Dak il-perjodu għandu jkun ta' tliet xhur.
- (5) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-oġġetti deskritti fil-kolonna (1) tat-tabella mogħtija fl-Anness għandhom jiġu kklassifikati fin-Nomenklatura Magħquda taħt il-kodiċi tan-NM indikat fil-kolonna (2) ta' dik it-tabella.

<sup>(1)</sup> ĠUL 269, 10.10.2013, p. 1.

<sup>(2)</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠUL 256, 7.9.1987, p. 1).

*Artikolu 2*

L-informazzjoni tariffarja vinkolanti li ma tikkonformax ma' dan ir-Regolament tista' tibqa' tiġi invokata f'konformità mal-Artikolu 34(9) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 għal perjodu ta' tliet xhur mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Frar 2017.

*Għall-Kummissjoni,*

*F'isem il-President,*

Stephen QUEST

*Direttur Ġenerali*

*Direttorat Ġenerali għat-Tassazzjoni u l-Unjoni Doganali*

---

## ANNEX

Deskrizzjoni tal-prodotti	Klassifikazzjoni (Kodiċi NM)	Raġunijiet
(1)	(2)	(3)
<p>Prodott li jikkonsisti f'pilloli bojod magħmula minn dan li ġej:</p> <ul style="list-style-type: none"> <li>— glikosidi tal-istevjol,</li> <li>— karbonat tas-sodju,</li> <li>— ċitrat tas-sodju,</li> <li>— lewċin.</li> </ul> <p>200 pillola (ta' 56 mg kull waħda) imqegħdin għall-bejgħ bl-imnut f'distributur tal-but,</p> <p>Il-prodott għandu valur kalorifiku ta' 0,06 kcal għal kull pillola.</p>	2106 90 92	<p>Il-klassifikazzjoni hija stabbilita skont ir-regoli ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, Nota 1. (b) tal-Kapitolu 38 u l-kliem tal-kodiċi tan-NM 2106, 2106 90 u 2106 90 92.</p> <p>F'konformità man-Nota 1. (b) tal-Kapitolu 38, il-prodott ma jistax jitqies bħala prodott kimiku tal-Kapitolu 38 peress li fih sustanzi b'valur nutrittiv, tat-tip użat fit-tħejija tal-oġġetti tal-ikel. M'hemm l-ebda livell limitu għall-ammont tal-valur nutrittiv.</p> <p>Il-glikosidi tal-istevjol u l-lewċin huma meqjusa bħala sustanzi b'valur nutrittiv (ara wkoll in-Noti ta' Spjegazzjoni tas-Sistema Armonizzata (HSEN) tal-Kapitolu 38, Ġenerali, il-paragrafu ta' qabel ta' qabel tal-aħħar u ta' qabel tal-aħħar).</p> <p>Il-preparati (bħall-pilloli) li jikkonsistu f'dolċifikant u oġġett tal-ikel użati għall-fini ta' dolċifikazzjoni għandhom jiġu klassifikati taħt l-intestatura 2106 (ara wkoll l-HSEN tal-intestatura 2106, in-numru 10).</p> <p>Għaldaqstant, il-prodott għandu jiġi klassifikat taħt l-intestatura 2106 bħala preparat ieħor tal-ikel tal-kodiċi tan-NM 2106 90 92.</p>